MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 43/2008

**Express Freights Limited (C-13272)**

**Vs**

**Anton Abela (ID no 238673M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt elef, mija u sbatax 'l Ewro u hmistax-il centezmu (€6117.15) dovuta lis-socjeta' attrici rapprezentanti noll u spejjez ohra relatati ma' garr ta' merkanzija u servizzi ohra relatati, rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut kif jidher mir-rendikont datat 30 ta' Jannar 2008 anness mar-rikors u mmarkat "Dok A" u bl-imghax mid-data tal-fattura, u cioe l-10 ta' Lulju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid numru 332/2008 u ta' sekwestru numru 331/2008 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-1 ta' Gunju 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat in-nota tal-istess socjeta' attrici presentata illum stess "seduta stante u li biha rriduciet it-talba attrici ghas-somma ta' €2116.45 ghar-raguni hemm premessa kif ukoll id-dokument anness mal-istess nota u markat Dok EF1.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €2116.45 bl-imghax legali mill-10 ta' Lulju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' qbid numru 332/2008 u ta' sekwestru numru 331/2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------